MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 5/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Daniel Callus**

**(Seduta Distrett – Sliema)**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Illum, 12 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Daniel Callus iben Anthony u Anna Rita xebba Calleja mwieled il-Pieta' fit-22 ta' April 1991 u joqghod Appti Quadrogesimo Anno Blokk B, Triq San Gorg Preca, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0220391(M) talli bhar il-21 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem ta'q abel fir-residenza 41, Pinto Buildings, Block C, Flat 2, Triq Ganni Bencini, Gzira:

1) Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Sharon Cachia, u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Sharon Cachia;
2) Bl-imgieba tieghu, ikkaguna biza' lil Sharon Cachia li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha;
3) Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Sharon Cachia;
4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Sharon Cachia taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafama lil Sharon Cachia, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
5) Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal 30 Euro ghad-dannu ta' Sharon Cachia.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(b), 251B(1), 339(1)(e) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sena millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Sharon Cachia u familjari taghha.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------